# L-editorjal

Carmel Azzopardi

F'din il-ħarġa letterarja ta' "Il-Malti" nsibu x-xogħlijiet ta' wieħed u tletin kontributur u, minħabba n-numru konsiderevoli tal-kittieba li kollha għandhom il-karatteristiċi partikulari tagħhom, ma jistax jonqos li f'din il-ħarġa tispikka l-varjetà, għalkemm tidher il-predominanza ta' xi oqsma fuq oħrajn. Ngħidu aħna l-ġeneru tal-poeżija għandu preżenza aktar qawwija mill-proża; mill-wieħed u tletin kontributur sitta u għoxrin kitbu poeżija waqt li ħamsa kitbu proża. Jidher ukoll li hemm żbilanċ qawwi favur il-kontributuri rġiel, għalkemm f'dan ir-rigward wieħed irid jgħid ukoll li bosta mill-poeti emerġenti, u anke poeti ta' kwalità, huma nisa. F'din il-ħarġa nsibu xogħlijiet ta' Jane Micallef, Claudia Gauci u Maria Grech Ganado. Iżda fix-xena lokali hemm poetessi oħrajn li jispikkaw. Insemmi fost oħrajn lil Rena Balzan, Clare Azzopardi u Simone Inguanez. Jidher li l-epoka fejn l-unika poetessa ta' kwalità kienet Mary Meilaq għaddiet u l-kontribuzzjoni tas-sess femminili f'dan il-qasam qed tiżdied, anke f'dik li hi kwalità.

F'din il-ħarġa nsibu wkoll tiżwiqa ta' awturi f'dawk li huma esperjenza, validità u notorjetà - minn awturi li qed jidhru fix-xena għall-ewwel darba u oħrajn li ilhom jiktbu imma qatt ma waslu biex jippubblikaw sa awturi b'esperjenza kbira, li ppubblikaw diversi xogħlijiet, ilhom stabbiliti u isimhom se jibqa' mniżżel mal-*élite* tal-letteratura Maltija. Awturi bħal Oliver Friggieri, Achille Mizzi, Immanuel Mifsud, Victor Fenech, Trevor Żahra, Ġorġ Borg, Maria Grech Ganado, Adrian Grima, Paul P. Borg, Joe Friggieri, Alfred Massa

u magħhom anke l-poetessa emerġenti Claudia Gauci m'għandhom bżonn tal-ebda introduzzjoni u x-xogħlijiet tagħhom bla dubju jarrikkixxu din il-ħarġa letterarja. Hawn ma rridx nonqos mir-rispett lejn l-awturi l-oħra li ma semmejtx. Il-fatt li forsi awtur hu anqas magħruf ma jfissirx li x-xogħol tiegħu hu anqas validu. Xejn minn dan.

Ta' min hawnhekk jgħid li din it-tiżwiqa fost l-awturi tagħmel ħafna sens. "Il-Malti" fil-fehma tiegħi għandu qabel xejn ifittex li jinkludi xogħlijiet ta' awturi validi u stabbiliti, imma għandu wkoll iservi ta' vetrina fejn awturi ġodda jesponu x-xogħlijiet tagħhom. It-trawwim ta' kittieba ġodda jservi biex il-letteratura Maltija tiġġedded u tevolvi.

Minbarra varjetà fil-ġeneri (poeżija u proża), insibu varjetà fl-effetti estetiċi mħaddma. Fil-poeżija hemm għadd ta' xogħlijiet li nistgħu nsejħulhom tradizzjonali, kemm fil-forma u l-metrika, kemm fit-tip ta' lingwaġġ u grammatika mħaddma u kemm fil-metafora li, sa ċertu punt, tista' tissejjaħ mejta jew skaduta. Iżda hemm ukoll għadd ta' xogħlijiet li nfatmu mit-tradizzjonaliżmu u fihom jispikka t-twarrib tal-forom u l-metrika tradizzjonali. Jispikka wkoll it-twarrib tal-isterjotipi. Nislet bħala eżempji minn din il-ħarġa "Baby Blues" ta' Immanuel Mifsud u anke n-novella-ħrafa" Jack & Jill" ta' Trevor Żahra. Insibu wkoll it-tħaddim ta' lessiku mhux tradizzjonali. Nikkwota: '*ix-xita tiżfen fil-katusi*', '*iwelldu l-kliem u jirrakkmawh*', minn "Kien hemm lejla u tmien nisa" ta' Claudia Gauci; '*xemx tixpakka f'salt, 'ir-rima tad-duħħan*', minn "Andrew Jħebb in-nar" ta' Adrian Grima; '*ma' sidirha XXL*', '*il-kantunieri kollha jħarsu bl-ikrah', minn* "Baby Blues" ta' Immanuel Mifsud; '*il-verbi tal-jien frammentat*', minn Skeletru-Silwett....f'Realtà Moħbija" ta' Stefano Farrugia; '*muntanji jirtiraw m'għeluq kunvent il-lejl*',minn "Il-Mistoħbija" ta' Manwel Cassar; '*il-qris tal-kwiekeb eterni fuq l-għadira ta' moħħi*', minn "Ut Videam" ta' Achille Mizzi. Dawn ix-xogħlijiet, li nistgħu nsejħulhom moderni u xi wħud anke postmoderni, huma miżgħuda b'metafora ġdida, friska u ħafna drabi antropomorfika jew animistika. Ħafna drabi f'dawn l-għamliet ta' metafori nsibu devjazzjoni fil-grammatika. Aġġettiv jew verb li fid-diskors komuni jikkwalifika jew jintrabat ma' nom li jmur miegħu, fil-poeżija jikkwalifika jew jintrabat ma' nom li hu ostili, fis-sens li ma jmurx miegħu. Ngħidu aħna fid-diskors komuni nsibu l-frażi *ħbejża tajba,* u hawn l-aġġettiv imur, jaqbel man-nom. Imma l-frażi *ħbejża hienja* tikkostitwixxi devjazzjoni min-norma għax l-aġġettiv *hienja* normalment jintuża biex jikkwalifika bniedma u mhux oġġett inanimat. Insibu diversi eżempji f'għadd ta' poeżiji ta' din l-għamla. Nislet xi eżempji. '*Kurituri elettroniċi*', minn "Blogger" ta' Charles Flores; '*ward*

*miġnun', 'ward iwerżaq'*, minn "Mejju" ta' Joe P. Galea; '*siegħa baħnana*', minn "Karnival Solitarju" ta' Patrick Sammut; '*irdieden irvellati*','*welding amplifikat', 'lanza kburija*', minn "Andrew Jħebb in-nar" ta' Adrian Grima; '*blat qalil', 'dar......rieqda', minn* "Kien hemm lejla u tmien nisa" ta' Claudia Gauci.

Nixtieq nagħlaq biex ngħid xi ħaġa fuq it-traduzzjoni li hija forma ta' arti fiha nfisha, indipendentement mix-xogħol oriġinali li jkun tradott. Insibu żewġ xogħlijiet f'dan il-qasam, "Għadbilura", novella fantaxjentifika tal-Amerikan Russel Davis maqluba għall-Malti minn Toni Aquilina u erba' sunetti ta' William Shakespeare maqluba minn Oliver Friggieri. Huma jappartenu għal żewġ ġeneri letterarji differenti imma wkoll għaż-żewġ lati opposti tal-estetika letterarja, wieħed traduzzjoni ta' poeżiji klassiċi u l-ieħor traduzzjoni ta' novella moderna fantaxjentifika.

Hawnhekk għandna l-importazzjoni tal-letteratura. U dan huwa qasam utli ħafna, l-aktar fil-każ ta' xogħlijiet li nkitbu b'lingwa li ftit biss għandhom aċċess għaliha, bħal, ngħidu aħna, ir-Russu u l-Portugiż. It-traduzzjoni letterarja hi arti li mhix faċli. U hawn wieħed irid jgħid grazzi lil artisti bħal Aquilina, Friggieri, Victor Xuereb u bosta oħrajn li qed iwessgħu l-librerija letterarja tagħna bl-importazzjoni ta' bosta xogħlijiet klassiċi u kapulavuri ta' żmienna.

Hemm ukoll l-esportazzjoni tal-letteratura Maltija. It-traduzzjoni ta' xogħlijiet Maltin għall-Ingliż u lingwi oħra hija utli daqs it-traduzzjoni minn ilsna barranin. Permezz tagħha x-xogħlijiet Maltin u l-awturi tagħhom jiġu esposti fil-vetrina barranija, x'aktarx Ewropea. Il-barranin jesperjenzaw il-letteratura tagħna u l-kittieb Malti jsir midħla ta' awturi barranin u jaqsam magħhom l-esperjenzi tiegħu. Tajjeb ngħidu li dan l-aħħar snin kien hemm ċaqliqa pożittiva f'dan il-qasam; diversi poeti u prożaturi raw ix-xogħlijiet tagħhom jinqalbu għal ilsna oħra. Insemmi lil Oliver Friggieri, Achille Mizzi, Adrian Grima, Maria Grech Ganado, Clare Azzopardi, Trevor Żahra u bosta oħrajn.

U dan l-iskambju letterarju qed kull ma jmur isir aktar aċċessibbli minħabba l-għajnuna finanzjarja li toffri l-Unjoni Ewropea. Hemm fondi speċjali allokati għat-traduzzjoni. Kmieni fl-2011 kien hemm skema biex pubblikaturi Maltin japplikaw għal fondi biex ikunu tradotti xogħlijiet minn ilsna oħra, ħlief mill-Ingliż għax hu lingwa uffiċjali, u f'Novembru tal-2012 il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti nieda l-iskema "Spreading Words" bħala parti mill-Malta Arts Fund biex awturi, tradutturi u pubblikaturi jingħataw appoġġ finanzjarju biex kitbiet bil-Malti jinqalbu għal lingwi oħra.

Marbut ma' dan, nixtieq ngħid li wieħed mill-punti pożittivi tal-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea hu l-possibiltà tat-traduzzjoni. Dan il-premju

jingħata lil awtur emerġenti minn kull pajjiż li jkun qed jipparteċipa u kull pajjiż jirbaħ il-premju darba kull tliet snin. Is-sena l-oħra Malta pparteċipat għall-ewwel darba u l-premju rebħu Immanuel Mifsud bil-ktieb "Fl-isem tal-Missier (u tal-Iben)". Nixtieq nieħu din l-opportunità biex, f'isem l-Akkademja tal-Malti li, bħala membru tal-European Writers' Council, tkun responsabbli mill-għażla tal-awtur rebbieħ, nifraħ lil Immanuel li, kif mistenni, qata' figura tajba ħafna fost ir-rebbieħa l-oħra. Infakkar li fl-2014 il-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea se jintrebaħ għat-tieni darba minn awtur emerġenti Malti. Inħeġġu lill-awturi biex minn issa jirsistu u jimmiraw għal dan il-premju prestiġjuż.